TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 43/24/F

Monica Incorvaja

vs

Construct Furniture Limited

Illum, 28 ta' Mejju 2024

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar fit-22 ta' Frar 2024;

Ra li minkejja li ġiet debitament notifikata, l-azjenda intimata naqset milli tippreżenta Risposta;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li l-ebda rappreżentant tal-azjenda intimata ma attenda għas-seduta tas-27 ta' Mejju 2024;

Ra r-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01);

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidra:

Illi permezz tat-talba tagħha, ir-Rikorrenti tilmenta mill-fatt li l-koxxox ta' sett ta' erba (4) bibieb li hija ordnat mingħand l-azjenda intimata ma jaqblux ma dak attwalment ordnat tal-mudell "Dark Amati" skont il-mostra fix-*showroom* tal-azjenda intimata.

Illi r-Rikorrent ikkonfermat it-talba tagħha bil-ġurament u spjegat li s-*side panels* tal-mudell li ordnat kienu f'bicca wahda u x-xifer tax-xambrella kien għat-tond mentri x-xogħol li ġie konsenjat kellu s-*side panelling* f'żewġ biċċiet u x-xambrelli kienu bix-xifer ċatt. Ġew preżentati ritratti u dokumenti li jikkonfermaw dan id-divarju.

Illi jirriżulta li llum il-bibien u x-xambrelli jinsabu installati *in situ* fl-appartament tar-Rikorrenti f'Xlendi, Għawdex. Għalhekk, mhux qed titlob il-ħall tal-bejgħ iżda li l-prodott jinġieb in konformità skont ma ordnat.

Illi l-azjenda intimata ma ppreżentatx Risposta u l-ebda rappreżentant ma deher għas-seduta tas-27 ta' Mejju 2024 quddiem it-Tribunal u għalhekk, bl-assenza inġustifikata tagħha għas-seduta, l-azjenda intimata naqset milli tagħti l-verżjoni tal-fatti skontha. Intant, ir-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01) jagħti ukoll is-setgħa lit-Tribunal li jiddeċiedi t-Talba kontra l-intimat meta dan jonqos milli jidher għas-seduta mingħajr ġustifikazzjoni;

Illi indipendentament mill-premess, it-Tribunal iqis li r-Rikorrenti irnexxielha tipprova l-każ tagħha skont il-liġi u li dak li qed titlob jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tagħha bħala Konsumatur;

Illi għalhekk, it-Tribunal iqis li din it-Talba timmerita akkoljiment u ser jikkonċedi r-rimedju mitlub mir-Rikorrenti għax huwa l-aktar wieħed idoneju fiċ-ċirostanzi.

Deċiżjoni:

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jordna lill-azjenda intimata sabiex fi żmien xahrejn, tissostitwixxi l-koxxox tal-bibieb in kwistjoni ma dawk tal-mudell li attwalment ġie ordnat mir-Rikorrenti skont il-mostra fix-*showroom* u ċioè bis-*side panel* maħduma f'biċċa waħda u bix-xifer għat-tond.

L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-azjenda intimata.

Avv. Mattia Felice
Arbitru